



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16335/23

CT 192
ENFOPOL 530
COTER 235
JAI 1612

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	4 ta' Diċembru 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15404/23	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trattament ta' individwi meħlusa mill-ħabs li jistgħu jirrappreżentaw theddida terroristika potenzjali – <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (4 ta' Diċembru 2023)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trattament ta' individwi meħlusa mill-ħabs li jistgħu jirrappreżentaw theddida terroristika potenzjali, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3992 laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Diċembru 2023.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**dwar it-trattament ta' individwi meħlusa mill-ħabs li jistgħu jirrappreżentaw theddida terroristika potenzjali**

FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID li t-terroriżmu jattakka l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-drittijiet tal-bniedem u jkompli jirrappreżenta theddida serja għall-Istati Membri.

JENFASIZZA li l-ġlieda kontra t-terroriżmu għadha prijorità fl-aġenda tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kif enfasizzat reċentement fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-Protezzjoni tal-Ewropej mit-terroriżmu: kisbiet u l-passi li jmiss, adottati fid-9 ta' Ġunju 2022¹.

IQIS li l-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2020² appella lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jagħmlu użu sħiħ mill-bażijiet ta' data u s-sistemi ta' informazzjoni Ewropej, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskrizzjoni ta' data rilevanti fil-bażijiet ta' data dwar persuni li jkunu ġew ivvalutati minn Stati Membri individwali bħala li huma ta' theddida terroristika jew estremista vjolenti serja.

JIEĦU NOTA li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet u l-ġlieda kontriha, u t-trattament ta' awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti wara r-rilaxx tagħhom, adottati fis-6 ta' Ġunju 2019³, iddikjara li monitoraġġ ulterjuri ta' individwi radikalizzati li, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, huma meqjusa li jippreżentaw theddida kontinwa wara r-rilaxx jista' jiġi żgurat każ b'każ, f'konformità mal-liġi nazzjonali u b'rispett għall-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet fundamentali tal-individwu kkonċernat.

IFAKKAR li l-Kunsill, fl-istess konklużjonijiet, issottolinja li miżuri ta' wara r-rilaxx jistgħu jkunu utli wkoll, bil-ħsieb li jiġi evitat li terroristi jew awturi ta' reati ta' estremiżmu vjolenti jew awturi ta' reati li jiġu radikalizzati qabel jew waqt li jkunu qed jiskontaw is-sentenza tagħhom il-ħabs jinvolvu ruħhom f'attivitajiet vjolenti wara r-rilaxx.

¹ 9997/22

² EUCO 22/20

³ 9727/19

IFAKKAR li l-Kunsill, fl-istess konklużjonijiet, iddikjara li l-iskambju ta' informazzjoni dwar ħabsin radikalizzati bejn l-Istati Membri tal-UE jew fuq bażi bilaterali jew inkella multilaterali, sal-punt permess mil-liġi nazzjonali, jista' jkun għodda siewja, pereżempju meta l-informazzjoni kondiviża tkun tappartjeni lill-eks ħabsin li jirritornaw jew li jivvjaġġaw lejn Stati Membri differenti.

JINNOTA li dawn l-istess konklużjonijiet jindikaw li jista' jkun ta' benefiċċju jekk dawn is-sistemi ta' informazzjoni eżistenti (inkluż is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)) jintużaw aħjar.

IQIS li l-Kunsill, fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar is-Sigurtà Interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija adottati fl-24 ta' Novembru 2020⁴, iddikjara li għandha tkompli tingħata attenzjoni partikolari lill-persuni rimpatrijati minn żoni ta' konflitt kif ukoll lill-ħabsijiet u lill-priġunieri meħlusa.

JENFASIZZA li l-Kunsill, fl-istess konklużjonijiet, appella lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni partikolari lil persuni vvalutati mill-Istati Membri bħala li huma ta' theddida terroristika jew estremista vjolenti u ssottolinja li, f'Ewropa mingħajr fruntieri interni, irid jiġi żgurat li l-informazzjoni tiġi kondiviża b'mod affidabbli u malajr meta dawn il-persuni jivvjaġġaw jew jidħlu f'kontatt ma' individwi jew networks fi Stati Membri oħra.

JENFASIZZA li, kif iddikjarat fl-istess konklużjonijiet, il-Kunsill iqis importanti li, fil-prinċipju, persuni vvalutati minn Stati Membri individwali li huma ta' theddida terroristika serja jew estremista vjolenti jiddaħħlu fil-bażijiet ta' data u s-sistemi ta' informazzjoni Ewropej rilevanti, sakemm ma jkunx hemm tħassib legali jew operazzjonali li jitlob mod ieħor.

JIEĦU NOTA li d-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Ministri għall-Affarijiet Interni tal-UE dwar l-attakki terroristiċi reċenti fl-Ewropa appellat għal skambju ta' informazzjoni dwar dawk il-persuni li huma ta' theddida terroristika jew estremista vjolenti.

⁴ 13083/1/20 REV 1

JENFASIZZA li l-isforzi biex jiżdied l-iskambju ta' informazzjoni u l-fehim ta' persuni li huma ta' theddida terroristika jew estremista vjolenti, bħall-proġett *Gefährder*⁵, diġà għaddejjin fil-forma ta' diskussjonijiet fil-livell tal-esperti, il-ħolqien ta' Kompendju ta' approċċi tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri għall-valutazzjoni ta' persuni meqjusa bħala theddida terroristika jew estremista vjolenti potenzjali u t-trattament tagħhom, kif ukoll l-iżvilupp ta' fehim kondiviż u kriterji indikattivi mhux vinkolanti biex l-informazzjoni dwar tali persuni tiġi eżaminata u tiddaħħal f'bażijiet ta' data u sistemi ta' informazzjoni Ewropej. Din il-ħidma hija mmirata lejn individwi meqjusa bħala theddida terroristika jew estremista vjolenti potenzjali, inkluż individwi kkundannati għal terroriżmu jew ħabsin radikalizzati ta' reati kriminali oħra li jiġu rilaxxati jew li waslu biex jiġu rilaxxati u, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju individwali, jitqiesu li huma ta' theddida kontinwa wara r-rilaxx.

JINNOTA li l-Europol, fir-rapport TE-SAT⁶ l-aktar reċenti tagħha, issottolinjat li l-ħelsien ta' individwi radikalizzati mill-ħabsijiet jibqa' ta' tħassib għall-Istati Membri peress li jistgħu jkomplu l-azzjonijiet ta' proselitiżmu barra l-ħabsijiet u jinvolvu ruħhom fit-tnejja ta' attakki terroristiċi, filwaqt li żiedet li ġiħadisti radikalizzati jistgħu jgħolqu riskji ta' vjolenza jew jippjanaw attakki wara li jiġu rilaxxati.

IQIS li l-Unjoni diġà sofriet diversi attakki ġiħadisti li jinvolvu awturi li kienu prigiunieri jew prigiunieri meħlusa fiż-żmien li wettqu l-attakk⁷.

⁵ L-iżvilupp ta' kriterji indikattivi komuni mhux vinkolanti għal fehim komuni fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-UE dwar meta persuna għandha titqies bħala theddida terroristika jew estremista vjolenti potenzjali, li jeżamina informazzjoni dwar tali persuni u d-dħul tagħha f'bażijiet ta' data u sistemi ta' informazzjoni Ewropej.

⁶ Europol (2023), Rapport tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu (TE-SAT) https://www.europol.europa.eu/cms/sites/default/files/documents/Europol_TE-SAT_2023.pdf

⁷ Europol (2021), Rapport tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu (TE-SAT) https://www.europol.europa.eu/cms/sites/default/files/documents/tesat_2021_0.pdf

JENFASIZZA l-fatt li, matul il-ħames snin li ġejjin, madwar l-Unjoni, ser jiġu rilaxxati għadd konsiderevoli ta' persuni li ġew ikkundannati għal reati terroristiċi jew għal reati kriminali oħra u sussegwentement radikalizzati fil-ħabs. Dan l-aspett speċifiku ser jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jżidu kemm il-ġestjoni tar-riskju tagħhom kif ukoll l-isforzi ta' monitoraġġ tagħhom, kif permess mill-kapaċitajiet eżistenti u l-prijoritizzazzjoni korrispondenti, u l-isforzi ta' diżimpenn u ta' riintegrazzjoni wara l-inkarċerazzjoni.

IFAKKAR li l-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-Protezzjoni tal-Ewropej mit-terroriżmu: il-kisbiet u l-passi li jmiss, adottati fid-9 ta' Ġunju 2022, enfażizza l-importanza kruċjali tas-SIS bil-kapaċitajiet kollha possibbli li toffri s-sistema għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni li tista' tappoġġa lill-Istati Membri fid-detezzjoni u l-monitoraġġ ta' individwi li huma ta' theddida terroristika.

JINNOTA li l-Europol ilha minn Marzu 2021 tirċievi rapporti tal-hits tas-SIS dwar allerti relatati mat-terroriżmu u qed tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri.

JINNOTA WKOLL li l-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq irreferew għall-valur miżjud operazzjonali tal-iżvilupp tal-proċedura ta' wara l-hit għal ġellieda terroristi barranin irreġistrati fis-SIS li jikkostitwixxu theddida serja, abbażi tar-riċeviment volontarju ta' notifiċi ta' hit.

IFAKKAR li s-SIS imġedda bdiet topera fis-7 ta' Marzu 2023, b'kamp ta' applikazzjoni mwessa', inkluż kategoriji addizzjonali ġodda ta' allerti u aktar data, b'mod partikolari tipi ġodda ta' data bijometrika u funzjonalitajiet ġodda, li jipprovdu għodod essenzjali addizzjonali għall-ġlida kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

JIRRIKONOXXI t-theddida potenzjali maħluqa minn individwi meħlusa kkundannati għal reati terroristiċi jew ħabsin radikalizzati kkundannati għal reati kriminali oħra.

JENFASIZZA l-hteġa li jiġi promoss l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' data dwar individwi li jistgħu jkunu ta' theddida terroristika, f'konformità mal-liġi nazzjonali u Ewropea u b'rispett għall-prinċipju ta' proporzjonalità u d-drittijiet fundamentali tal-individwi kkonċernati.

JENFASIZZA fl-istess ħin l-importanza li jiġu salvagwardjati d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-priġunieri rilaxxati, speċifikament ta' dawk li m'għadhomx theddida.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI:

JIPROMWOVU, f'konformità mal-liġi nazzjonali u b'rispett għall-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet fundamentali tal-individwi kkonċernati, l-adozzjoni ta' miżuri ta' wara r-rilaxx fuq individwi meħlusa kkundannati għal terroriżmu jew ħabsin radikalizzati kkundannati għal reati kriminali oħra li huma ta' theddida terroristika potenzjali.

IKOMPLU JIŻVILUPPAW il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni jew il-monitoraġġ ta' individwi rilaxxati, jew individwi li waslu biex jiġu rilaxxati skont approċċ li jinvolvi diversi aġenziji u li jippromwovi l-parteċipazzjoni u l-koordinazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti.

ISAĦĦU, fi ħdan il-qafas tal-liġi applikabbli, l-iskambju ta' informazzjoni, kemm bilateralment kif ukoll fil-livell tal-UE, dwar individwi kkundannati għal terroriżmu jew reati kriminali oħra rilaxxati jew li waslu biex jiġu rilaxxati wara li jkunu skontaw is-sentenza tagħhom, meta valutazzjoni tar-riskju turi li dawn għadhom radikalizzati u huma ta' theddida terroristika.

JIKKONDIVIDU, f'konformità mal-liġi nazzjonali, u b'mod f'waqtu qabel ir-rilaxx possibbli tagħhom, informazzjoni fl-UE dwar il-ħabsin li huma vvalutati bħala li huma ta' theddida terroristika, billi tiddaħħal id-data tagħhom fis-SIS, u jekk tali prigionieri jiġu mmonitorjati f'qafas tal-infurzar tal-liġi, bl-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS) u l-Proġetti ta' Analiżi tal-Europol. Dan għandu jsir f'konformità mar-rekwiżiti legali tal-UE u tal-Istati Membri, ir-restrizzjonijiet operazzjonali, ir-rispett għall-prinċipju tal-proporzjonalità u r-rispett għad-drittijiet fundamentali biex jiġi żgurat li l-persuni li huma ta' theddida terroristika jiġu inklużi fil-bażijiet ta' data tal-UE u sabiex tiġi ffaċilitata l-verifika ta' dawn il-persuni f'dawn is-sistemi, inkluż id-data bijometrika tagħhom.

JESPLORAW il-possibbiltà li jestendu d-diskussjonijiet dwar il-kondiviżjoni effettiva ta' informazzjoni ta' post-hits tas-SIS relatata ma' allerti dwar reati terroristiċi, inkluż dwar għallieda terroristi barranin li jikkostitwixxu theddida serja, għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha li lesti jirċievu post-hits tas-SIS, għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni ta' post-hits tas-SIS relatata ma' terroristi jew awturi ta' reati ta' estremiżmu vjolenti jew trasgressuri radikalizzati waqt li jkunu qed jiskontaw is-sentenza l-ħabs.

JGĦAQQDU l-isforzi u jikkondividu l-aħjar prattiki dwar kif jissaħħu r-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi prijoritizzati biex tiġi ffaċilitata l-espulsjoni, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, ta' trasgressuri radikalizzati barranin rilaxxati mill-ħabs li, abbażi ta' informazzjoni bħal kundanni ġudizzjarji jew intelligence tal-awtoritajiet responsabbli għas-sigurtà nazzjonali, joħolqu theddida terroristika potenzjali.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI:

TKOMPLI tappoġġa lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-istandardizzazzjoni ta' għodod ta' valutazzjoni tar-riskju, kemm għal persuni kkundannati għal reati terroristiċi kif ukoll għal dawk il-ħabsin radikalizzati kkundannati għal reati kriminali oħra, b'kont meħud tat-theddida terroristika li qed tevolvi u l-ħtieġa konsegwenti li l-għodod jiġu adattati kif meħtieġ, kif ukoll fil-ġbir ta' data xjentifika meħtieġa għall-validazzjoni empirika ta' dawn l-għodod u għal teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza dwar il-ġestjoni u l-monitoraġġ ta' trasgressuri rilaxxati li huma ta' theddida terroristika.

TKOMPLI tiffaċilita, sa fejn ikun permess mil-liġi applikabbli, l-iskambju ta' informazzjoni dwar persuni meqjusa bħala theddida terroristika jew estremista vjolenti potenzjali, inkluż persuni kkundannati għal terroriżmu jew reati kriminali oħra u sussegwentement radikalizzati li jiġu rilaxxati jew li waslu biex jiġu rilaxxati, anke billi thegġegħ l-użu ta' għodod eżistenti, speċjalment is-SIS, u, jekk tali persuni jiġu immonitorjati f'qafas ta' infurzar tal-liġi, is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS) u l-Proġetti ta' Analiżi tal-Europol.

TAPPOĠĠA lill-Istati Membri fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi prijoritizzati biex tiffaċilita t-tkeċċija ta' prigionieri radikalizzati barranin meħlusa mill-ħabs lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom.

TIPFROMWOVI, bl-appoġġ tal-Europol fil-limiti tal-mandat tagħha u f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-UE, l-iskambju ta' Prattiki tajba bejn l-Istati Membri, speċjalment dwar it-twetliq ta' valutazzjonijiet tat-theddid qabel ir-rilaxx ta' persuni kkundannati u dwar l-impożizzjoni ta' probation jew miżuri ta' sigurtà wara r-rilaxx.